**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Victor Hili bin Rosario u Mikelina nee Sciberras li joqghod 50, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' l-identita' numru 57362(G)**
**u**
**Joseph Grima li joqghod 'Leyland House', Triq Dun Alwig Mizzi, Gharb, Ghawdex.**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli f'dawn l-ahhar jiem u specifikament fit-23 t'Awissu 2000 ghall-habta tal-5.30p.m. fi Triq il-Knisja, x-Xaghra, Ghawdex, bhala d-diretturi tal-Kumpanija Road Constructions, qaxxru l-wicc ta' l-istess triq u poggew tarmac gdid minghajr il-licenzja mehtiega mill-Pulizija u mid-Dipartimenti l-ohra koncernati, (2) talli bhala l-persuni responsabbli minn dan ix-xoghol naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha u ma poggewx sinjali u dawl mehtieg sabiex jindikaw li jezisti periklu minhabba x-xoghol li qed isir fl-istess triq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mix-xhieda ta' PS 1450 jirrizulta illi meta acceda fuq il-post kien sab it-triq gia` mqaxxra u rrizulta li kien il-kuntrattur Victor Hili responsabbli ghal dan ix-xoghol.

Victor Scicluna xehed li kien sar xoghol ta' tqaxxir ta' triq bla permess izda ma jafx min kienu l-kuntratturi.

Ma hemmx dubju illi f'din it-triq sar xoghol ta' tqaxxir u tqeghid ta' tarmac bla permess, izda ma ngabet l-edda prova li kienu responsabbli l-imputati.

Ghal dawn il-motivi ma ssibhomx hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur